

Brussell, 3 ta' Ottubru 2023
(OR. en)

13622/23

FIN 990
INST 367
PE-L 33

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Nru dok. Cion:	13440/23
Suġġett:	Trasferiment ta' approprjazzjonijiet Nru DEC 14/2023 fit-Taqsima III - Kummissjoni - tal-baġit ġenerali għall-2023

1. Fis-27 ta' Settembru 2023, il-Kummissjoni ppreżentat lill-Kunsill proposta għat-trasferiment ta' approprjazzjonijiet Nru DEC 14/2023, f'konformità mal-Artikolu 31(1) tar-Regolament Finanzjarju¹.

Il-fini ta' din il-proposta huwa li jiġu ttrasferiti approprjazzjonijiet disponibbli fuq diversi linji ta' appoġġ amministrattiv għal-linji operazzjonali għall-programmi taħt is-(sotto)intestaturi 1 (*Orizzont Ewropa, il-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa u l-Programm tas-Suq Uniku*), 2a (*Fond ta' Koeazzjoni*), 2b (*EU4Health, Fond Soċjali Ewropew +, Drittijiet u Valuri*), 3 (*LIFE*), 5 (*Riċerka, Mobbiltà Militari*) u 6 (*NDICI, Pajjiżi u territorji ekstra-Ewropej*), kif irreġistrat fid-dokument 13440/23.

¹ Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014 u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 (ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1).

2. L-għan tal-proposta huwa li jiġi ttrasferit ammont totali ta' EUR 56.67 miljun kemm f'approprjazzjonijiet ta' impenn kif ukoll ta' pagament.
 3. Il-Kumitat tal-Baġit eżamina din il-proposta għal trasferiment fil-laqgħa tiegħu tat-2 ta' Ottubru 2023.
 4. Wara dak l-eżami, il-Kumitat tal-Baġit qabel, b'maġġoranza kwalifikata, li jissuġġerixxi li l-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti jagħti parir lill-Kunsill biex japprova:
 - it-trasferiment ta' approprjazzjonijiet propost, kif jinsab fid-dokument 13440/23, u
 - l-abbozz ta' ittra fl-ANNEX għal dak l-għan.
-

ABBOZZ TA' ITTRA

minn : Il-President tal-Kunsill
lil : Il-President tal-Parlament Ewropew
kopja : Il-President tal-Kummissjoni

Sinjura President,

F'konformità mal-Artikolu 31(6) tar-Regolament Finanzjarju tat-18 ta' Lulju 2018², ninfurmak li l-Kunsill approva t-trasferiment ta' approprjazzjonijiet Nru DEC 14/2023 fit-Taqsima III - Kummissjoni - tal-baġit ġenerali għall-2023.

(Formola ta' għeluq).

² Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 (ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1).